MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta’ Jannar, 2025

Appell Inferjuri Numru 253/2021 LM

**Marika Bonello (K.I. nru. 304885M)**
*(‘l-appellanta’)*

***vs.***

**Raymond Cini (K.I. nru. 292958M)**
*(‘l-appellat’)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attriċi **Marika Bonello (K.I. nru. 304885M)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellanta’], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa ’l quddiem ‘l-Ewwel Qorti’], fid-19 ta’ Ottubru, 2023 [minn issa ’il quddiem ‘is-sentenza appellata’], li ddeċidiet it-

talbiet tagħha kontra l-konvenut **Raymond Cini (K.I. nru. 292958M)** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’], wara li l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi:

> *“Għaldaqstant, taqta’ u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni fir-risposta tal-konvenut, tiċħad it-talbiet tal-attriċi MARIKA BONELLO, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attriċi.”*

## Fatti

2. L-attriċi istitwiet il-proċeduri odjerni b’talba speċifika lill-Qorti sabiex din tiddikjara li l-pubblikazzjoni magħmula mill-konvenut fuq is-sit elettroniku *Facebook* bejn id-9 ta’ Ġunju, 2021 u l-15 ta’ Ġunju, 2021, tikkostitwixxi malafama stante li l-komunikazzjoni ta’ kliem fuq l-istess sit jagħmlu ħsara lill-persuna tal-attriċi, itellfuha ġieħha u jinkludu l-libell u l-inġurja a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta’ Malta, u talbet li l-konvenut jiġi kkundannt iħallas lill-attriċi tas-somma li l-Qorti għandha tistabbilixxi bħala danni morali, u dan a tenur tal-artikolu 9 tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta’ Malta, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

3. Il-konvenut wieġeb li l-pubblikazzjonijiet imsemmija mill-attriċi mhumiex libellużi fil-konfront tagħha, kif ukoll li l-pubblikazzjonijiet imsemmija jammontaw għal *fair comment* ai termini tal-liġi.

## Is-Sentenza Appellata

4. Permezz tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-19 ta’ Ottubru, 2023, din iddeċidiet li t-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat;*

*Illi preordinatament għad-determinazzjoni jekk l-istqarrijiet impunjati humiex diffamatorji, irid jiġi aċċertat li l-istqarrijiet huma fil-fatt dwar u jikkonċernaw lill-persuna aggravata. Fil-fatt, għall-proponibbilità tal-azzjoni għal malafama jeħtieġ li jkun hemm xi inferenza li torbot lill-persuna aggravata mal-istqarrija impunjata għaliex jekk il-persuna aggravata mhijiex sufficjentement identifikata fl-istqarrijiet impunjati, ma tistax titqies li sofriet ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li ġiet malafamata b'effett tal-pubblikazzjoni.*

*Fil-fatt, il-konvenut fl-ewwel eċċezzjoni fir-Risposta tiegħu, jikkontendi li l-pubblikazzjonijiet mhumiex libellużi fil-konfront tal-attriċi. Għalkemm huwa minnu li l-eċċezzjoni mhijiex imsawra espressament bħala waħda ta' nuqqas ta' identifikazzjoni tal-attur fil-pubblikazzjoni, il-Qorti xorta waħda sejra tindaga biex tistabbilixxi jekk l-attriċi hijiex identifikata għaliex il-pubblikazzjoni ma tistax tkun libelluża għal min mhuwiex identifikat bħala l-persuna li dwarha saru l-istqarrijiet allegatament malafamanti. Dan għaliex skont l-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, stqarrijiet ippubblikati fil-midja mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u naturalment, persuna mhux identifikata fil-pubblikazzjoni impunjata ma tistax issofri ħsara lir-reputazzjoni tagħha, wisq anqas ħsara reputazzjonali serja. L-identifikazzjoni tal-persuna aggravata hi determinanti għall-azzjonabilità tal-malafama u għalhekk l-istħarriġ relattiv għandu jsir mill-Qorti anke* sua sponte *fin-nuqqas ta' eċċezzjoni* ad hoc*.*

*Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:*

"A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant." (*fn. 7: Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins Q.C. (Oxford University Press, 2014), 5.01, p 105. Ġie ritenut ukoll:* - "A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that he or she was the person referred to.")

*Ukoll:-*

*"*Where a person is referred to by name, in a defamatory statement, he or she is identified to all those to whom the publication occurs. It is irrelevant that the

receipients of the statement have no knowledge of the person." (*fn. 8: Collins ibid., 5.03, p. 106))*

*Fid-deċiżjoni fil-każ ta'* ***MDA Marine Design Associates Ltd v. British Columbia Ferry Services Inc.****, (fn. 9: 2008 BCSC 1432 (para. 20) intqal hekk minn Fenlon J:-*

*"*A plaintiff may be identified even though he is not mentioned by name, where a reference is made to something over which he exercises control or for which he has some responsibility."

*Il-Qorti tosserva ili mhux l-istqarrijiet kollha impunjati mill-attriċi f'din il-kawża jidentifikawha b'isimha u huma biss dawk li jinsabu fid-dokumenti f'paġna 5 (fn. 10: Dan jikkorrispondi ma' Dok. D anness mal-affidavit tal-attur) u paġna 6 (fn. 11: Dan jikkorrispondi ma' Dok. E anness mal-affidavit tal-attur) tal-atti proċesswali li jsemmu l-isem Marika Bonello. L-istqarrija li tidher fid-dokument f'paġna 8 tal-atti proċesswali, hi indirizzata lil persuna bl-inizjali MBV iżda d-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-istqarrija ma jirriżultax bl-ebda mod mill-provi.*

*Fir-rigward tal-istqarrijiet l-oħrajn li l-attriċi tikkontendi li huma malafamanti fil-konfront tagħha, il-Qorti tosserva illi hawnhekk l-attriċi mhux biss ma ġietx identifikata b'isimha iżda mhu riskontribbli mill-provi ebda fatt li jwassal lill-qarrej ordinarju jinferixxi li dawn l-istqarriiet huma dwar l-attriċi jew li hi identifikata fihom. L-attriċi nnifisha xehdet illi dawn il-*posts *ġew ippubblikati bejn id-9 ta' Ġunju, 2021 u t-30 t'Awwissu, 2021, filwaqt li waħda miż-żewġ stqarrijiet fejn issemmiet b'isimha (Dok. E) ġiet ippubblikata fid-9 ta' Ġunju, 2021.* ***Għall-Qorti, in-nuqqas ta' prova dwar id-data tal-pubblikazzjonijiet rispettivi u n-nuqqas ta' produzzjoni tas-sensiela sħiħa ta'*** **posts** ***fuq il-paġna tal-konvenut fuq*** **Facebook*****, ifisser li mhux sodisfaċentement ippruvat illi l-istqarrijiet li fihom l-attriċi ma ssemmietx b'isimha huma b'xi mod konnessi mal-istqarrijiet fejn ġiet effettivament identifikata****. Barra dan mhi xejn konvinta li dawn is-sitt stqarrijiet impunjati mill-attriċi ġew ippubblikati wara xulxin fl-istess ġurnata jew sekwenzjalment. Kemm hu hekk, l-attriċi nnifisha xehdet li Raymond Cini ppubblika diversi posts malafamanti fuq* Facebook *fuq medda ta' xejn anqas minn tliet xhur, bejn id-9 ta' Ġunju, 2021 u t-30 t'Awwissu, 2021. Minbarra dan, fejn uħud mid-dikjarazzjonijiet jirreferu għall-attriċi u oħrajn le, il-Qorti mhi xejn sodisfatta li l-qarrej ordinarju jista' raġonevolment jorbot l-istqarrijiet li fihom ma saret ebda referenza għall-attriċi, ma' dawk li fihom tissemma b'isimha. B'mod speċifiku, jingħad illi jekk fid-9 ta' Ġunju, 2021 il-konvenut ippubblika dikjarazzjoni li tidentifika direttament lil Marika Bonello l-attriċi (Dok. E – fn. 12: Anness mal-affidavit tal-attriċi), ma jfissirx li l-istqarrijiet l-oħra tiegħu li ġew impunjati mill-attriċi f'din il-*

*kawża u ma jsemmuhiex b'mod dirett, neċessarjament jirreferu għaliha jew jikkonċernaw lilha.*

*Biex tipprova dan, fin-nuqqas ta' identifikazzjoni diretta, l-attriċi kellha,* de minimis*, tressaq xhieda li jaffermaw illi huma jidentifikaw lilha bħala l-persuna li għaliha jirreferu l-istqarrijiet tal-konvenut.*

*Fir-rigward, Collins jgħid li fejn il-persuna aggravata hi identifikata biss minn xi ritratt jew filmat, jeħtieġ li jiġi stabbilit mill-provi li kien hemm persuni li identifikawha.* Multo magis*, għalhekk, f'każ fejn il-persuna aggravata mhijiex identifikata fil-pubblikazzjoni la permezz ta' isimha u lanqas permezz ta' ritratt, filmat jew immaġini oħra (bħal mhu l-każ ta' bosta mill-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża) iżda l-identifikazzjoni tistrieħ fuq l-għarfien ta' fatti speċifiċi. Huwa prinċipju assodat fil-liġi tad-diffamazzjoni illi fejn il-persuna aggravata mhijiex identifikata fil-pubblikazzjoni impunjata la b'isimha u lanqas permezz ta' ritratt, filmat jew immaġini oħra (fn. 13: Collins jgħid li anke fejn il-persuna aggravata hi identifikata permezz ta' xi ritratt jew filmat fil-pubblikazzjoni impunjata, xorta waħda jeħtieġ li jiġi stabbilit mill-provi li kien hemm persuni li attwalment identifikawha mir-ritratt jew filmat, direttament jew permezz ta' inferenza), u fejn allura l-identifikazzjoni tistrieħ fuq l-għarfien ta' fatti speċjali (fn. 14: Dan jissejjaħ komunement in materja,* legal innuendo meaning. *Roy Baker,* Defamation Law and Social Attitudes – Ordinary Unreasonable People, *2011 (p. 33/34), jgħid hekk:-* "According to the legal innuendo rule, if a plaintiff claims that a publication would bear a defamatory meaning only to people who have some kind of special knowledge (which is termed a legal innuendo meaning), then the plaintiff must prove that at least one such person was directly exposed to the publication (and otherwise than by the plaintiff).", *jeħtieġ li titressaq prova mhux biss ta' dawn il-fatti estraneji għall-pubblikazzjoni impunjata, iżda wkoll li talanqas persuna waħda oħra, apparti l-persuna aggravata nnifisha, kienet esposta għall-pubblikazzjoni impunjata u kienet kapaċi tidentifikaha minħabba l-għarfien tagħha ta' dawn il-fatti estraneji. Fuq kollox, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-inferenza tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata, hi waħda raġonevoli, ċioe li persuni ordinarji armati b'għarfien dwar il-fatti speċjali, setgħu jinferixxu raġonevolment u mingħajr sforz żejjed li l-istqarrija impunjata tista' tikkonċerna lill-persuna aggravata. (fn. 15: Gatley, 'On Libel and Slander', jgħid illi "*The issue of identification is to be decided on the same principles as those which govern the question of whether the words are capable of a defamatory meaning." – On Libel and Slander – Second cumulative supplement to the 12th edition (2017), 7.3, p. 63. *Ara wkoll* ***Barron v. Collins*** *[2015] EWHC 1125 (QB)).*

*Skont Gatley, il-kwistjoni tal-identifikazzjoni għandha tiġi deċiża fuq l-istess prinċipji li jirregolaw il-kwistjoni dwar jekk il-kliem impunjat huwiex kapaċi jinftiehem f'sens u*

*b'tifsira diffamatorju. (fn. 16:* Gatley, On Libel and Slander – Second cumulative supplement to the 12th edition (2017)*, 7.3, p. 64. Ara wkoll* ***Barron v. Collins*** *(2015) EWHC 1125 (QB).) Fir-rigward, jikkummenta hekk:-*

"Where the libel does not 'ex facie' refer to the claimant ... extrinsic evidence must be given to connect the libel with the claimant. **The test of reference remains an objective one: whether on the evidence, an ordinary reasonable person would draw the inference that the words referred to the claimant.**" (*fn. 17*: Gatley, ibid., Second Supplement to the 12th edition, 2017*, para. 7.3A, p. 66), (enfasi tal-Qorti)*

*Min-naħa tiegħu, Collins jgħid hekk:*

*"*... there is no actionable publication unless it is shown that the words were communicated to persons with such knowledge. Even in the latter type of case, however, it is not enough that the recipients of the statement did understand it to refer to the claimant: **the issue is whether reasonable people with their knowledge would so understand it**." *(fn. 18: Collins, ibid., para. 5.09, p. 108, jgħid:* "Evidence of the extrinsic facts which constitute the special knowledge should also be adduced. The test, however, is an objective one: whether the ordinary reasonable person with knowledge of the extrinsic facts, and in the class of persons to whom the statement is published, would have reasonably understood the publication to refer to the unnamed person.") (*enfasi tal-Qorti)*

*Fil-fatt, fid-deċiżjoni riċenti fil-każ* ***Economou v. De Freitas*** *(2016) EWHC 1853 (QB), intqal b'mod speċifiku illi f'każ ta'* legal innuendo, *l-osservanza tal-prinċipju li l-persuna aggravata trid tispeċifika l-persuna li taf il-fatti speċjali "*that would lead them to identify the claimant as the subject, was of particular importance."

*Iżda minkejja dak li xehdet l-attriċi – li kien hemm persuni li ġibdulha l-attenzjoni għal dak li kien qed jiġi ppubblikat –* ***hi naqset milli tidentifika min huma l-persuni li identifikawha u milli tressaq biex jixhed xi persuna li għandha l-għarfien tal-konnessjoni bejnha u l-konvenut Raymond Cini li identifikat lilha bħala s-soġġett tal-istqarrijiet tiegħu fuq*** **Facebook** ***fejn ma ġietx imsemmija b'isimha jew bl-isem tan-negozju tagħha.*** *Fil-fatt, l-attriċi ma ġabet l-ebda prova kwalsiasi biex tikkonvinċi lill-Qorti li hija raġonevoli l-asserzjoni tagħha li identifikata bħala l-persuna li hi fil-mira tal-*posts *ippubblikati mill-konvenut Raymond Cini jew li dawn il-*posts *jikkonċernaw lilha.*

*Għaldaqstant, billi ma ntweriex li l-istqarrijiet individwali identifikati mill-attriċi bħala stqarrijiet li jikkonċernaw lilha, huma marbutin mal-istqarrijiet li fihom tinstab identifikata b'isimha, u lanqas inġiebu provi u xhieda biex jintwera li l-qarrej ordinarju, munit b'għarfien ta' xi fatti speċjali, jista' raġonevolment jorbot l-isqarrijiet fejn ħadd*

*mhu identifikat, mal-attriċi Marika Bonello, il-Qorti hi tal-fehma li l-istqarrijiet li jidhru fid-dokumenti f'paġna 2, 3, 4, 7, 9 u 10 tal-atti proċesswali, ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji fil-konfront tagħha għaliex l-attriċi imkien u bl-ebda mod mhi identifikata fihom.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi fir-rigward tal-istqarrija li tidher fid-dokument f'paġna 11 u paġna 12 tal-atti proċesswali, korrispondenti għal Dok. Ċ anness mal-affidavit tal-attriċi, il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.*

*Tibda biex tosserva li mhuwiex ippruvat li dawn il-posts li jidhru f'dan l-i*screenshot *jifformaw parti minn u ġew ippubblikati fl-istess data tal-pubblikazzjonijiet l-oħra tal-konvenut li fihom l-attriċi ssemmiet b'isimha u għalhekk, dawn iridu jiġu mistħarrġa separatament. L-attriċi mhijiex identifikata b'isimha f'din il-pubblikazzjoni iżda xehdet li John Bonello, li ssemma fil-kumment li ġie ppubblikat minn Ryan Dimech b'reazzjoni għall-istqarrijiet tal-konvenut, jiġi ħuha u għalhekk, hija identifikata meta dawn iż-żewġ stqarrijiet jittieħdu flimkien. Iżda l-Qorti ma taqbilx li l-attriċi hija identifikata bir-referenza li saret lil John Bonello fil-kumment ta' Ryan Dimech: ma hemm ebda rabta oġġettivament riskontrabbli mill-pubblikazzjoni bejn l-istqarrija tal-konvenut Raymond Cini u l-isem "John Bonello" fil-post ta' Ryan Dimech.* ***Kien jispetta lill-attriċi li ġġib prova tal-fatt li xi ħadd għarafha – minħabba r-referenza li saret lil "John Bonello" – bħala l-persuna li kienet taħlef li tneħħi l-*****warrant** ***lil ħuha, iżda hi baqgħet ma ressqet ebda prova li turi li xi ħadd li jaf li hi oħt John Bonello, għaraf il-konnessjoni bejn l-istqarrijiet tal-konvenut u l-*****post** ***ta' Ryan Dimech, u li minħabba r-referenza li saret minn Ryan Dimech għal "John Bonello", dak il-qarrej identifikaha bħala l-persuna li l-konvenut jakkuża li riedet tneħħi l-*****warrant** ***lil ħuha.***

*L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu ugwalment in kwantu għar-referenza li saret lil Wilson Mifsud f'dan l-istess post tal-konvenut. Għalkemm tassew jirriżulta mix-xhieda tal-attriċi li hija kienet miżżewġa lil Wilson Mifsud, jibqa' l-fatt li l-attriċi ma ressqet lil ebda xhud li identifikaha bħala l-persuna fil-mira ta' dan il-*post *tal-konvenut minħabba r-referenza li saret lil Wilson Mifsud. Kif diġà ngħad, in-nuqqas tal-identifikazzjoni tal-attriċi b'isimha fl-istqarrija impunjata u l-kumment sussegwenti, jixħet fuq l-istess attriċi l-oneru tal-prova li persuna ordinarja armat bl-għarfien tal-konnessjoni tagħha ma' Wilson Mifsud – li ma ġiex deskritt fil-pubblikazzjoni bħala żewġha jew l-ex raġel tagħha – seta' raġonevolment jagħrafha bħala l-persuna fil-mira tal-istqarrija impunjata, prova li evidentement ma saritx f'dan il-każ.*

*Għaldaqstant, billi mhijiex identifikata fl-istqarrija ppubblikata mill-konvenut fid-dokument f'paġna 11 (Dok. Ċ anness mal-Affidavit tal-attriċi), din ukoll ma tistax*

*titqies bħala diffamatorja għall-attriċi u għalhekk mhux meħtieġ li jiġi determinat l-imputazzjonijiet li jitnisslu minn din l-istqarrija u jekk dawn ikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi jifdal biex jiġu ttrattati l-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut fejn l-attriċi hija identifikata pożittivament b'isimha (paġna 5 u paġna 6 tal-atti tal-kawża) (fn. 19: Korrispondenti għal Dok. D u Dok. E annessi mal-affidavit tal-attriċi), u fejn allura ma jeżisti ebda dubju li l-istqarrijiet tal-konvenut jirreferu għaliha. Il-Qorti qrat dawn l-istqarrijiet u filwaqt li taqbel li mhemmx dubju li dawn jidentifikaw lill-attriċi, ma taqbilx li dawn inisslu xi imputazzjoni li hija malafamanti għall-attriċi.*

*In kwantu għall-post li fih il-konvenut jistaqsi jekk jintgħoġobx l-isem ta' rumanz* "Marika Bonello tal-Vastarra Vastara Kids Fashion" *il-Qorti ma tara assolutament xejn malafamanti u anke jekk il-konvenut kien qed jikteb b'ton sarkastiku u ironiku, dan ma jfissirx li hu diffamatorju.*

*Anke jekk l-istqarrijiet li ġew ippubblikati mill-konvenut jistgħu ma jkunux veritieri, u mhux minnu li l-attriċi intimidatu jew li l-konvenut jaf ħafna affarijiet fuqha, hu risaput li mhux kull stqarrija li hija falza hi wkoll diffamatorja għaliex kif rajna, stqarrija biex tkun diffamatorja trid ukoll tikkaġuna jew ikollha t-tendenza li tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni. Dan hu rekwiżit fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama, stipolat mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama li jistabbilixxi* threshold *ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-suċċess ta' azzjonijiet għall-malafama, minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248). Dan il-kriterju mhuwiex marbut mal-quantum tad-danni likwidabbli f'każ li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, iżda huwa rilevanti esklussivament għas-suċċess tal-azzjoni u l-azzjonabilità tal-allegata malafama, sabiex jiġi determinat jekk l-istqarrija impunjata għandhiex titqies bħala diffamatorja jew le għall-finijiet tal-Att.*

*Dan l-istħarriġ dwar l-element ta' ħsara serja għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att, ukoll huwa wieħed li għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att u dan mill-Qorti* sua sponte *mingħajr il-ħtieġa li titressaq eċċezzjoni* ad hoc *fir-rigward u dan għaliex il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabilità tal-allegata malafama.*

*Il-Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar l-Artikolu 1 tad-*Defamation Act UK*, jgħid illi l-mera tendenza tal-imputazzjoni li tinċidi negattivament u b'mod sostanzjali fuq ir-reputazzjoni ta' persuna, ma għadhiex aktar suffiċjenti sabiex issostni azzjoni taħt il-liġi l-ġdida, għaliex din introduċiet kriterju ferm iktar oneruż minn hekk. Effettivament, taħt id-*Defamation Act (UK) 2013 *u ugwalment taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, li jikkonsisti f'riproduzzjoni kważi identika tat-test tal-liġi Ingliża, stqarrija, biex titqies*

*bħala diffamatorja għandha mhux biss tkun kapaċi li tolqot ħażin ir-reputazzjoni tal-persuna iżda għandha tikkaġuna u tkun kapaċi li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni.*

*Fi kliem Collins (fn. 20: Collins: On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56) din ir-regola:*

*"...* operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or is likely to suffer, serious reputational harm or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss." *[enfasi tal-Qorti]*

*Illi kwantu għall-istqarrija tal-konvenut fid-dokument f'paġna 6 tal-atti proċesswali (fn. 21: korrispondenti għal Dok. E anness mal-affidavit tal-attriċi) "…* ma nafx għalfejn mort tiġagbina fuqi u issa trid tipprova tintimidani … ") *u fil-messaġġ f'paġna 7 tal-atti (fn. 22: Parti minn Dok. F anness mal-Affidavit tal-attriċi) fejn il-konvenut wieġeb lil ċertu Raymond Vella Ziz u qallu: "*din mara ġagbina wara li private nejna biex tifel ma kunx bla missier"), *il-Qorti tirribadixxi – kif diġà ġie stabbilit qabel – illi ma hemm xejn li juri li dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet huma konnessi u li l-messaġġ f'paġna 7 ġie pubblikat minnufih wara b'reazzjoni għal* post *tal-konvenut fejn l-attriċi ssemmiet b'isimha (fn. 23: Fil-fatt, fl-affidavit tal-attriċi, dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet ma ġewx esebiti bħala sensiela ta'* post *sekwenzjali: wieħed ġie esebit bħala Dok. F u l-ieħor ġie esebit bħala parti minn pubblikazzjonijiet oħrajn, Dok. F). Għalhekk ma hemm xejn li jorbot it-tieni messaġġ mal-*post *fejn l-attriċi hi identifikata (Dok. E). Iżda anke jekk għal mument il-Qorti kellha taċċetta li l-messaġġi huma konnessi u b'hekk l-attriċi hi identifikata wkoll fil-messaġġ f'paġna 7 tal-atti, il-Qorti trid tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.*

*Il-konvenut qed jiddeskrivi lill-attriċi bħala* "ġakbina", *kelma li storikament hija mnissla mill-moviment politiku tal-*"Jacobins" *fiż-żmien ir-rivoluzzjoni Franċiża li akkwista notorjetà bħala moviment radikali, estremist u terroristiku, iżda li llum hija assoċjata ma' tradiment b'dan li meta persuna tiġi deskritta bħala ġakbina, il-konnotazzjoni hi ta' faċċjol, kospiratur u traditur. Għalhekk l-użu ta' kelma bħal din jista' jinftiehem f'sens diffamatorju bħala attakk fuq il-karattru tal-attriċi jew ta' xi kondotta jew aspett tal-karattru morali tal-attriċi li twassal imputazzjoni ta' diżonestà, ipokrisija, żlealtà jew ksur ta' etika u indubbjament, u konsegwentement jista' jkollu l-effett "*... to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally" (*fn. 24: **Sim v. Stretch**, per Lord Atkin (1936) 2 All ER 1237 (House of Lords)), u "*in all the circumstances would be likely to affect a person adversely in the estimation of reasonable people generally" *(fn. 25: Collins, ibid. 6.12, p. 117). Għaldaqstant, din għandha titqies li fiha l-kapaċità li tikkaġuna ħsara reputazzjonali li hija serja. (fn. 26: Collins, ibid. P. 128 6.56)*

*Madanakollu, il-Qorti mhijiex konvinta li l-użu ta' din il-kelma fiċ-ċirkostanzi tal-każ hu waħdu biżżejjed biex jissodisfa l-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni u tqis illi hi nieqsa l-prova li l-pubblikazzjoni ta' dawn it-tliet dikjarazzjonijiet mill-konvenut hi kapaċi tirreka ħsara reputazzjonali serja lir-reputazzjoni tal-attriċi.*

*Ingħad in propositu:-*

"Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written, **the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transience of the publication."** *(fn. 27: Gatley, ibid. 2.4, pg. 39. Ukoll: "...* whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, and whether similar allegations have been published before." – p. 41, para. 2.5) (emfasi tal-Qorti)

*Fil-każ in diżamina, l-istqarrija impunjata ma ġietx ippubblikata fuq mezz tal-midja tal-massa* (mass media) *ċioe fuq gazzetta jew mezzi tradizzjonali tal-istampa jew fuq* online news portal, *fejn mhux meħtieġ li tinġieb prova konkreta tal-firxa tal-pubblikazzjoni għaliex teżisti preżunzjoni ta' pubblikazzjoni lil udjenza kbira, iżda ġiet ippubblikata fuq il-paġna ta' persuna privata fuq* Facebook*. Għalhekk f'dan il-każ l-attriċi kellha turi illi dawn id-dikjarazzjonijiet ġew ippubblikati lil udjenza sinifikanti jew lil klassi ta' persuni li, għad ta' numru żgħir, l-effett tad-dikjarazzjoni jkun ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attriċi, per eżempju persuni li jagħmlu negozju mal-attriċi jew li huma klijenti tagħha. Dan hu determinanti għall-fini ta' prova tal-kriterju li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija allegatament malafamanti ikkaġunat ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attriċi. Il-Qorti mhi sejra tassumi xejn u żgur mhijiex sejra tasal għal konklużjonijiet abbażi ta' spekulazzjoni u konġetturi sempliċiment għaliex pjattaforma tal-midja soċjali tista' tkun aċċessibli lil numru kbir ta' persuni.*

*Il-Qorti tqis illi n-normi ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni japplikaw ugwalment għal pubblikazzjonijiet fuq* Facebook *u pjattaformi oħrajn ta' komunikazzjoni fuq midja soċjali, iżda f'każ ta' pubblikazzjoni fuq mezz bħal dan irid jintwera illi l-pubblikatur għandu udjenza estensiva u li l-istqarrija impunjata waslet għand numru materjali ta' qarrejja, anke billi jintwera li jkun irċieva numru konsiderevoli ta'* likes, *kummenti jew* views *– ħaġa li tkun indikattiva tal-livell tal-ħsara reputazzjonali.*

*Iżda l-attriċi ma ressqet ebda prova dwar in-numru ta' persuni li kienu jsegwu l-profil tal-konvenut Raymond Cini fuq Facebook dak iż-żmien, biex jintwera li l-istqarrija impunjata ġiet ippubblikata lil numru sostanzjali ta' persuni jew kif ingħad diġà, lil klassi ta' persuni li minħabba l-istatus tagħhom il-pubblikazzjoni lilhom tad-dikjarazzjonijiet malafamanti fiha l-propensità inerenti ta' ħsara serja lir-reputazzjoni. Il-Qorti ma rriskontrat ebda prova fl-atti proċesswali li turi li dan il-profil hu wieħed pubbliku u speċifikament, li l-*post *impunjat inqara minn numru materjali ta' persuni jew minn xi klijent jew klijent prospettiv jew persuna oħra li l-attriċi tagħmel negozju magħha fejn tassumi importanza elevata tal-istima tal-attriċi bħala persuna serja u ta' fiduċja. (fn. 28: "*While it is the case at common law that substantial damages should be awarded even where on the evidence it is shown that the claimant has suffered limited damage or no damage at all, the requirement in s1(1) that serious harm to reputation be proved as a condition of actionability, means that cases where there is little tangible evidence or likelihood thereof will usually fail." – Gatley bid. (2017) Second supplement to 12th Ed. – 3.6 p. 23).

*Fil-każ **Yeo v. Times Newspapers Limited** (2015) EWHC 2132 QB, Warby J. qal hekk: -*

"The essential issues for determination at a trial, on the pleaded case as it stands, will be … (b) is the number of such readers sufficient to make the publication on 23 June a real and substantial tort?"

*Fil-każ appena ċitat, il-Qorti ġibdet l-inferenza li l-pubblikazzjoni ġiet moqrija minn numru suffiċjenti ta' qarrejja mill-fatt,* inter alia*, illi din saret f'gazzetta nazzjonali b'ċirkolazzjoni sostanzjali u l-fatt illi l-artikoli impunjati kienu ngħataw prominenza. (fn. 29: Gatley,* Second Supplement to 12th Ed. Ibid. 2017*; 7.3 p. 66/67). Iżda fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tosserva illi l-i*screenshots *tal-messaġġi ppubblikati fuq il-paġna ta' Raymond Cini fuq* Facebook*, imkien ma juru n-numru ta'* "friends" *li għandu fuq* Facebook*, u ħlief għal tlieta jew erba' "*likes" *taħt uħud mill-*posts *tiegħu u ta' persuni oħrajn li tellgħu kummenti jew wieġbu għall-*posts *tal-konvenut, ma ġie riskontrat ebda prova li l-*posts *in diżamina ġew pubblikati lil numru ta' qarrejja li fih innifsu huwa indikattiv ta' potenzjal ta' ħsara li hija **serja**.*

*Għall-Qorti, il-fatt li d-dikjarazzjoni malafamanti tkun inqrat minn numru żgħir ħafna ta' qarrejja mingħajr ma jintwera li dawn il-qarrejja huma fi klassi ta' persuni li fiha nnifisha l-ħsara lir-reputazzjoni tkun inerenti, ifisser li l-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, ma ġiex sodisfatt. L-attriċi naqset ukoll milli turi li l-konvenut huwa persuna għaqlija, stmat u rispettat fis-soċjetà u ta' ċertu* status *li jagħti ċertu piż lil kliemu.*

*Skont Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar l-artikolu tal-liġi fid-*Defamation Act UK (2013) *li huwa identiku għall-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579):-*

"... although the provision is not expressly drafted in terms of actionability and appears, in terms, to deal only with the question whether a statement is defamatory, it seems clear that it is intended to make proof of serious harm, or the likelihood thereof, a condition for actionability. Thus a claim may fail not only because the imputation was not of sufficient gravity of itself to cause serious harm to reputation but also, for example, because its publication was very limited and accordingly any harm to reputation was minimal." *(fn. 30: Para 2.5, p. 9* (Supplement to 12th Ed., p. 2017))

*Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ċelebri* ***Lachaux v. Independent Print Ltd.*** *(2017) EWCA Ċiv. 1334 (at 80) qalet "...* where the number of publishees was very limited, there had been no grapevine percolation and there was firm evidence that no one thought any the less of the claimant by reason of the publication", *il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni ma jistax jitqies li hu sodisfatt.*

*Għaldaqstant, dan kollu magħdud, il-Qorti ma tqisx li l-attriċi rnexxielha tissodisfa l-kriterju taħt l-artikolu 3(4) tal-Att, bil-konsegwenza li l-azzjoni għal malafama ma tistax tirnexxi u li l-ewwel eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mill-attriċi fl-20 ta' Novembru, 2023, din talbet lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji u l-appell tagħha, tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-19 ta' Ottubru, 2023, u wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellat, tilqa' t-talbiet tagħha, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

6. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha l-Ewwel Qorti applikat u interpretat ħażin il-liġi u l-każistika awtorevoli fir-rigward, ta' kif ġew ippubblikati l-pubblikazzjonijiet, u tal-identifikazzjoni tal-vittma tal-libell, u anke għamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi meta waslet

għall-konklużjoni li mhijiex ser tittratta l-pubblikazzjonijiet bħala sensiela ta' *Facebook posts,* u ulterjorment li l-pubblikazzjonijiet ma jwasslux għall-identifikazzjoni. L-appellanta qalet li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti kkunsidrat li hija naqset milli tipprovdi d-data tal-pubblikazzjonijiet, kif ukoll naqset milli tipprova li l-pubblikazzjonijiet kienu sensiela sħiħa ta' *posts* fuq il-paġna tal-*Facebook* tal-appellat. Qalet li l-*posts* u l-kummenti huma datati, għajr għall-aħħar pubblikazzjoni fejn jissemma ħu l-appellanta, kif ukoll Wilson Mifsud, u ġie ddikjarat li din il-pubblikazzjoni saret bejn id-9 ta' Ġunju, 2021 u l-15 ta' Ġunju, 2021, liema fatt ma ġiex kontradett. L-appellanta qalet li l-Ewwel Qorti skartat għal kollox il-provi miġjuba minnha sabiex waslet għall-konklużjonijiet tagħha. Spjegat li mill-*affidavit* tagħha għandu jirriżulta li hemm riferiment speċifiku għall-fatt li l-*Facebook posts* kienu sensiela ta' pubblikazzjonijiet, u kien hemm numru ta' *posts* fejn hija ssemmiet b'isimha. Qalet li l-Ewwel Qorti għalhekk għażlet li tistrieħ biss fuq parti mill-provi, u dan meta fl-*affidavit* tagħha kitbet li l-pubblikazzjonijiet seħħew bejn id-9 ta' Ġunju u t-30 t'Awwissu, 2021, minkejja li fir-rikors promutur hija spjegat b'mod ċar li l-pubblikazzjonijiet saru bejn id-9 ta' Ġunju u l-15 ta' Ġunju, 2021. Qalet ukoll li l-Ewwel Qorti tat l-impressjoni li hija kellha tippreżenta *printout* tal-*Facebook page* tal-appellat, u ladarba dan ma sarx, l-Ewwel Qorti għażlet li ma temminx il-verżjoni tagħha u tittratta l-pubblikazzjonijiet separatament, meta mhux talli ma kien hemm ebda oġġezzjoni jew oppożizzjoni għal dan, imma talli lanqas il-kontro-eżami tagħha ma sar jew tressqet prova kuntrarja għal dak li ġie allegat. L-appellanta qalet li minkejja li l-appellat kellu kull opportunità jagħmel il-kontro-eżami tagħha jew iressaq provi sabiex jimmina t-teżi tagħha, huwa naqas milli jagħmel dan.

7. L-appellanta qalet li hemm bosta deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ġie ripetut li meta parti tonqos milli tagħmel il-kontro-eżami ta' xhud, dan jittieħed bħala konferma tal-fatti minnu enunċjati. Qalet li għalhekk kienet kompletament skorretta l-Ewwel Qorti li ddikjarat li l-pubblikazzjonijiet ma kinux sensiela sħiħa u ttrattathom separatament. Qalet li kieku l-Qorti rat id-dati tal-pubblikazzjonijiet u l-kummenti, kienet tintebaħ li dawn kienu sensiela ta' pubblikazzjonijiet.

8. L-appellanta għamlet riferiment għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li mhux il-pubblikazzjonijiet kollha jidentifikawha b'isimha, u li huma biss tnejn mill-pubblikazzjonijiet li lilha jsemmuha b'isimha. L-appellanta qalet li l-appellat imkien ma kkontesta l-fatt li hija identifikata u identifikabbli, fatt li joħroġ ċar mill-pubblikazzjonijiet, partikolarment fejn hija ssemmiet b'isimha, issemma n-negozju li tiġġestixxi, u anki ssemma membru tal-familja tagħha. Qalet li dan jikkostitwixxi prova ċara li l-persuna in kwistjoni m'hija ħadd ħliefha, u li hija faċilment identifikabbli. L-appellanta qalet li anki mill-mod kif ikkummentaw ċerti persuni, jirriżulta ċar li dawn kienu jafu għal min kien qiegħed jirreferi l-appellat, u komplew miegħu. Qalet li hija xehdet li kien hemm ħbieb tagħha li ġibdulha l-attenzjoni għall-pubblikazzjonijiet, u kien b'dan il-mod li hija ġiet a konoxxenza tagħhom. L-appellanta qalet li għalhekk, mill-kumpless tal-provi għandu jirriżulta li dawn kienu sensiela sħiħa ta' pubblikazzjonijiet, u l-mira tagħhom ma kien ħadd ħliefha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li l-aggravji tal-appellanta għandhom jiġu miċħuda għaliex is-sentenza tal-Ewwel Qorti hija ġusta fil-forma

u fis-sustanza, u ttieħdet wara li ġew ikkonsidrati għadd ta' fatturi rilevanti, skont kif tirrikjedi l-liġi u l-ġurisprudenza. L-appellat qal li l-kawża intavolata quddiem l-Ewwel Qorti tikkonċerna allegat libell u malafama fil-konfront tal-appellanta wara pubblikazzjoni fuq is-sit soċjali ta' *Facebook*, fuq il-paġna tal-appellat. Qal li fis-sentenza appellata, ġie spjegat li l-appellanta ma rnexxilhiex tissodisfa r-rekwiżiti taħt l-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti eżaminat id-diversi *posts* li ġew esebiti mill-appellanta flimkien mar-rikors promotur, li hija tgħid li ħassitha aggravata bihom, u mill-provi jirriżulta li kienu tnejn biss il-*posts* li nkitbu fid-dati indikati fir-rikors promotur imressaq mill-appellanta. L-appellat qal li d-dati tal-*posts* l-oħra ma jirriżultawx mill-provi proċesswali, iżda skont l-appellanta, dawn kienu ppubblikati bejn id-9 ta' Ġunju, 2021 u t-30 t'Awwissu, 2021. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti kellha raġun tgħid li l-uniċi pubblikazzjonijiet fil-mira tal-azzjoni attriċi, huma biss dawk li kopja tagħhom ġiet annessa mar-rikors promutur, u mhux pubblikazzjonijiet oħra li l-appellanta ddeċidiet li tesebixxi kopja tagħhom fi stadju ulterjuri, u li dwarhom m'għamlet l-ebda talba sabiex il-Qorti tiddikjarahom bħala malafamanti, apparti li l-appellanta kkonfermat bil-ġurament li dawn il-*posts* kienu ppubblikati *fuori* t-terminu tat-talba stess. L-appellat qal li huwa għalhekk li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha, wara li għamlet eżami dettaljat tal-provi. Qal li wara li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li n-nuqqas ta' prova dwar id-data tal-pubblikazzjoni u n-nuqqas tal-produzzjoni tas-sensiela sħiħa ta' *posts* fuq il-paġni tal-appellat, ifisser li l-appellanta ma ppruvatx li l-istqarrijiet li fihom l-appellanta ma ssemmietx b'isimha huma konnessi mal-istqarrijiet fejn hija ġiet effettivament identifikata. Qal li kien għalhekk li l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tikkunsidra jekk il-*posts* li kienu saru

bejn id-9 ta' Ġunju, 2021 u t-12 ta' Ġunju, 2021 humiex diffamatorji, billi taċċerta jekk ir-rekwiżiti tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malfama ġewx sodisfatti. Qal li fil-mori tal-kawża ma nġabet l-ebda prova li tissodisfa l-kriterji rikjesti mill-artikolu 3(4) tal-Att, kif ikkonfermat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Iżda minflok il-provi li nġabu mill-appellanta huma inkonsistenti, u ma jissodisfawx l-elementi meħtieġa għall-proponibbilità tal-azzjoni għall-malafama. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti kkunsidrat jekk l-appellanta hijiex suffiċjentement identifikata fl-istqarrijiet impunjati, u dan il-punt ġie indirizzat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. L-appellat qal li l-appellanta stess ħassitha obbligata li tagħti spjegazzjoni dettaljata dwar x'suppost li kienet it-tifsira ta' dawn il-*posts,* u kif hija stess indikat li kienu terzi li ġibdulha l-attenzjoni għal dawn il-*posts.* L-appellat qal li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-appellanta naqset milli tindika min kienu dawn it-terzi li identifikawha, u hija naqset milli tressaq persuni sabiex jixhdu dwar il-konnessjoni li hija għandha mal-appellat, u kif hija ġiet identifikata bħala s-suġġett tal-istqarrijiet tiegħu fuq *Facebook.* L-appellat qal li lanqas ma nġabu provi u xhieda sabiex jindikaw li qarrej ordinarju, munit bl-għarfien ta' xi fatti speċjali, jista' raġonevolment jorbot mal-appellanta l-istqarrijiet fejn ħadd m'huwa identifikat. Hawnhekk l-appellat għamel riferiment għal dak li jgħid Gatley, dwar ir-*reference test,* u dwar jekk persuna raġonevoli kinitx tasal għall-inferenza li l-pubblikazzjoni tirreferi għall-appellanta.

10. L-appellat qal li fit-tieni lok, fl-istqarrijiet fid-dokumenti 5 u 6 tal-atti proċesswali, il-Qorti qalet li m'hemmx dubju li dawn jidentifikaw lill-appellanta, iżda l-Qorti ma qablitx li dawn inisslu xi imputazzjoni li hija malafamanti għall-appellanta, għaliex sabiex stqarrija tkun diffamatorja trid tkun ukoll tikkaġuna,

jew ikollha t-tendenza li tirreka, ħsara serja lir-reputazzjoni. L-appellat qal li dan il-kriterju ta' ħsara serja wkoll ma ġiex sodisfatt.

11. L-appellat qal li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt, u mhux fuq min jinnegah. Qal li l-Qorti kellha tasal għall-konklużjoni fuq il-bażi tal-provi prodotti quddiemha, u kellha tkun moralment konvinta li l-appellanta ssodisfat l-oneru tal-prova li kellha. L-appellat qal li huwa skorrett l-argument imressaq mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, li għaliex hija ma ġietx kontro-eżaminata, dan ifisser li l-appellat kien qiegħed jaċċetta dak li ġie allegat minnha. Qal li l-Ewwel Qorti għalhekk kellha tiddetermina jekk il-pubblikazzjonijiet li rriżulta li saru fit-terminu tat-talba mressqa quddiemha, kinux tali li minnhom l-appellanta kienet identifikabbli. Qal li dan huwa element intrinsiku sabiex l-azzjoni ta' libell tirnexxi, u din hi konsegwenza naturali ta' dak li jipprovdi l-artikolu 3(4) tal-Kap. 579. L-appellat qal li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija erudita u ben motivata b'ġurisprudenza u referenzi għall-atturi, u dawn il-prinċipji ġew applikati b'mod korrett għall-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, li saħansitra stqarret li mhijiex konvinta li s-sitt stqarrijiet impunjati ġew ippubblikati wara xulxin fl-istess ġurnata jew sekwenzjalment. Qal li r-rikors tal-appell imkien ma jindirizza l-fatt li għall-Ewwel Qorti kien hemm element ieħor biex azzjoni ta' libell tinġieb 'il quddiem b'suċċess, u dan l-element kien kompletament nieqes. Qal li kellu jintwera li l-pubblikatur għandu udjenza estensiva, u li l-istqarrija impunjata waslet għand numru sostanzjali ta' qarrejja. L-appellat qal li fuq din il-premessa wkoll, l-azzjoni mressqa ġiet miċħuda, għaliex dan huwa element ieħor kostituttiv biex tirnexxi l-azzjoni, u l-Ewwel Qorti qieset li dan l-element assolutament ma ġiex ippruvat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti applikat il-liġi u l-ġurisprudenza b'mod żbaljat fir-rigward ta' kif ġew ippubblikati l-istqarrijiet u tal-identifikazzjoni tal-allegata vittma tal-libell]*

13. L-appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li hija ma ġabet l-ebda prova tad-data meta l-*Facebook posts* in kwistjoni ġew ippubblikati, u li dawn il-*posts* jiffurmaw parti minn sensiela, u tallega li l-Ewwel Qorti injorat parti mill-provi, partikolarment dawk miġjuba minnha, sabiex waslet għall-konklużjoni li dawn il-*posts* ġew ippubblikati separatament.

14. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa il-pubblikazzjonijiet li l-appellanta ppreżentat flimkien mar-rikors promotur tagħha. Irid jingħad li fuq l-ebda waħda minn dawn il-pubblikazzjonijiet stampati m'hemm indikata d-data, għalkemm hemm indikazzjoni tal-ġurnata, il-jum tal-Ħadd f'tal-anqas tlieta minnhom, f'ħin li juri li dawn ġew ippubblikati f'temp ta' ftit sekondi bogħod minn xulxin, b'tali mod li l-pubblikazzjonijiet esebiti *a fol.* 4, 5 u 6 tal-proċess ċertament li jistgħu jitqiesu li jiffurmaw parti minn sensiela waħda ta' pubblikazzjonijiet. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li d-dikjarazzjoni esebita *a fol.* 2 mar-rikors promotur, bl-ebda mod ma tidentifika lill-appellanta, u fil-fatt l-appellat jgħid "[j]*ien naf 2 min nies hekk",* sabiex b'hekk ma jistax jingħad

li l-appellanta ġiet identifikata. Fit-tieni pubblikazzjoni tal-appellat, dik esebita *a fol.* 5 tal-proċess, l-appellanta ġiet identifikata mhux biss b'isimha, iżda anki bl-isem tan-negozju tagħha, u din il-*post* jirriżulta li kienet segwita minn oħra esebita *a fol.* 4 tal-proċess, fejn l-appellat jgħid '*Titlu ta' rumans IL-QAĦBA MILLI KOLLHA IT-TIKK*'. Jirriżulta li dawn iż-żewġ *posts* segwew lil xulxin, tant hu hekk li l-pubblikazzjoni esebita *a fol.* 5 tal-proċess ittellgħet mill-appellat fis-7:16pm fil-jum tal-Ħadd, filwaqt li l-pubblikazzjoni esebita *a fol.* 4 tal-proċess segwietha fis-7:17pm, u kien hawn fejn l-appellat uża qawl Malti partikolari b'terminu dispreġattiv, sabiex ifiehem lil min indenja ruħhu jaqra l-*posts* tiegħu, li r-rumanz li ssemma fir-rigward tal-appellanta, li *fil-post* ta' qabel kienet għadha kif ġiet identifikata b'isimha u bl-isem tan-negozju tagħha, huwa rumanz b'allegazzjonijiet ta' għemil diskutibbli, fejn il-persuna in kwistjoni tispiċċa tagħtik milli jkollha. Naturalment il-konnotazzjoni ta' dan il-qawl partikolari huwa wieħed negattiv u maħsub biex itappan ir-reputazzjoni ta' min ikun. Il-Qorti tinnota li teżisti verżjoni differenti ta' dan il-qawl, li essenzjalment ifisser l-istess ħaġa, 'l-ispiżjar milli jkollu jtik', fejn il-konnotazzjoni mhijiex daqstant dispreġattiva. Jirriżulta wkoll li l-*post* esebita *a fol.* 6 tal-proċess hija l-*post* li ppreċediet it-tnejn l-oħra, u anki hawnhekk, l-appellat irrefera għall-appellanta mhux biss b'isimha, imma wkoll b'riferiment għan-negozju tagħha. Din il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li dawn il-pubblikazzjonijiet ma jiffurmawx parti minn sensiela, jew sekwenza, u dan għaliex jidher ċar li l-ewwel *post* li ttella' mill-appellat kien dak esebit *a fol.* 6, segwit mill-*post a fol.* 5, u finalment itella' l-*post a fol.* 4 tal-proċess, li meta moqrija flimkien mhux biss jidentifikaw lill-appellanta għaliex din tissemma b'isimha u bl-isem tan-negozju tagħha, iżda huma segwiti mis-suġġeriment li t-titolu tar-rumanz li fih tissemma

l-appellanta ikun wieħed b'titolu li ċertament huwa maħsub biex itappan ir-reputazzjoni tagħha. Il-Qorti ssaħħaħ il-fehma tagħha li l-kitbiet tal-appellat kienu maħsuba sabiex itappnu r-reputazzjoni tal-appellanta, mill-fatt li dan mhux biss identifikaha b'isimha u b'kunjomha, iżda anki bl-isem tan-negozju tagħha, u dan sabiex jiġi eliminat kull dubju dwar l-identità tal-persuna li qiegħed jirreferi għaliha.

15. B'riferiment għall-*post* esebita *a fol.* 11 tal-proċess, din il-Qorti ma ssib l-ebda ħjiel ta' prova li din ġiet ippubblikata fl-istess data tal-*posts* l-oħra, u għalhekk qiegħda taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li appellanta mhijiex identifikata b'isimha f'dan il-*post.* Imma l-appellat f'dan il-*post* tiegħu isemmi persuna li allegatament huwa l-ex-raġel tal-appellanta, u wara li indika li l-appellanta ppruvat tagħmel xi ħaġa sabiex tittieħed il-*warrant* professjonali ta' ħuha, kien hemm terz, ċertu Ryan Dimech, li kiteb l-isem ta' 'John Bonello' u mill-mod kif inhu miktub il-*post,* jidher li ħu l-appellanta ġie *tagged* fil-messaġġ, sabiex b'hekk min jagħfas fuq ismu ma jifdallu l-ebda dubju min hu ħu l-appellanta li jirreferi għalih il-messaġġ. Il-Qorti għalhekk ma taqbilx li l-appellanta kellha ġġib provi fil-forma ta' persuni jew individwi li għamlu din il-konnessjoni, għaliex kien l-appellat li ppermetta lil Ryan Dimech jikkummenta fuq il-*post* oriġinali tiegħu, u li saħansitra jagħmel '*tagging*' ta' ħu l-appellanta. F'dan il-kuntest irid jingħad ukoll li f'din il-*post* tiegħu, l-appellat jirreferi għall-appellanta bħala 'letrina', terminu dispreġattiv u malafamanti. Dan meta fl-istess *post* jiġi identifikat ħu l-appellanta, jissemma b'ismu l-*ex* raġel tagħha, u jingħataw dettalji oħra dwarha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta għandu jiġi

milqugħ, u dan għaliex jirriżulta b'mod ċar li fis-sentenza appellata ma saritx analiżi korretta u dettaljata tal-provi kollha esebiti minnha, b'tali mod li naqset milli tikkunsidra l-*posts* esebiti *a fol.* 4, 5 u 6 bħala sensiela ta' pubblikazzjonijiet, filwaqt li naqset milli tapprezza li fil-*post a fol.* 11 tal-proċess, l-appellanta hija ċertament identifikabbli.

16. Fir-risposta tiegħu, l-appellat jgħid li sabiex l-azzjoni tal-appellanta tirnexxi, din kellha ġġib prova li l-pubblikazzjoni tiegħu kellha udjenza estensiva u li l-istqarrija impunjata waslet għand numru sostanzjali ta' qarrejja. Dwar dan il-punt, l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-pubblikazzjoni in kwistjoni ma saritx fuq mezz tal-midja tal-massa, jiġifieri fuq midja stampata jew fuq xi portal tal-aħbarijiet, u kien jinkombi fuq l-appellanta li tipprova li d-dikjarazzjonijiet ġew ippubblikati lil udjenza sinifikanti jew lil klassi ta' persuni li minkejja f'numru żgħir, huma nies li jagħmlu negozju magħha u għalhekk l-effett fuqhom kien wieħed li jikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha. Minkejja li ma ġie mressaq l-ebda aggravju dwar dan il-punt, ladarba ssemma mill-appellat fir-risposta tiegħu, din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-firxa tal-pubblikazzjoni, u dan partikolarment ladarba dan huwa element kostitutiv għas-suċċess tal-azzjoni odjerna. Il-Qorti tirrileva li fi żmien fejn il-mezz stampat qiegħed jonqos dejjem aktar fil-popolarità, u minflok fid-dinja li qegħdin ngħixu, kważi kulħadd huwa dipendenti fuq il-mezzi soċjali għall-informazzjoni, *post* ippubblikata fuq il-paġna tal-*Facebook* ta' xi ħadd, ma tistax ħlief titqies bħala pubblikazzjoni li potenzjalment tolqot firxa mdaqqsa ta' nies. Din il-pubblikazzjoni setgħet titwassal għand persuni li mhux neċessarjament huma fil-*'friends list'* tal-appellat, għaliex messaġġ imtella' fuq sit soċjali faċilment jintwera lil udjenza

akbar. Il-fatt li l-appellanta ġiet identifikata mhux biss b'isimha iżda wkoll bin-negozju tagħha, il-fatt li l-kumment tal-appellat attira numru ta' *likes,* u l-fatt li kien hemm min kompla mal-appellat u żied dettalji oħra apparti dawk mogħtija minnu, u l-appellat ippermetta l-pubblikazzjoni ta' dawn id-dettalji fuq il-paġna tiegħu ta' *Facebook,* huma fatturi li jippruvaw li l-appellat laħaq numru mdaqqas ta' persuni b'dak li kiteb, u fil-verità m'hemm l-ebda limitu għall-ammont ta' persuni li jistgħu jintlaħqu b'messaġġ imtella' fuq il-midja soċjali. Fi ftit sekondi, messaġġ imtella' fuq sit soċjali għandu l-potenzjal li jilħaq kull rokna tad-dinja, kuntrarjament għal gazzetta stampata jew għal mezz tax-xandir tradizzjonali li jkun lokalizzat f'post partikolari. L-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jgħid illi:

> "Stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba."

17. L-Ewwel Qorti ikkonsidrat it-talbiet tal-appellanta abbażi ta' dak li jgħid dan is-sub-artikolu tal-liġi. Fil-fehma ta' din il-Qorti jikkonkorru l-elementi kollha neċessarji sabiex jitqies li l-appellanta sofriet jew potenzjalment tista' ssofri ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha b'dak ippubblikat mill-appellat, u għalhekk din il-Qorti sejra tilqa' l-appell tal-appellanta. Il-Qorti qiegħda għalhekk tikkundanna lill-appellat iħallas is-somma ta' erba' mija u ħamsin Euro (€450) bħala danni morali lill-appellanta minħabba l-ħsara serja li ġiet ikkawżata jew li setgħet ġiet ikkawżata lir-reputazzjoni tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqgħu.**

**(1) Tiddikjara li ġew sodisfatti l-elementi kollha biex jiġi stabbilit li l-pubblikazzjonijiet magħmula mill-appellat fil-paġna tiegħu ta' Facebook bejn id-9 ta' Ġunju, 2021 u l-15 ta' Ġunju, 2021, huma malafamanti u kkawżaw jew jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-appellanta;**

**(2) Tikkundanna lill-appellat għall-ħlas ta' erba' mija u ħamsin Euro (€450) bħala kumpens għad-danni morali lill-appellanta minħabba l-ħsara serja li ġiet ikkawżata jew li setgħet ġiet ikkawżata lir-reputazzjoni tagħha bil-pubblikazzjonijiet in kwistjoni.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**